**Vince Peresso**, Chairperson *tal-Kummissjoni 75 anniversarju, jagħti tagħrif dwar ħidmet...*

# Il-Kappillani tal-Parroċċa San Sebastjan



*Tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja*

Ħamsa u sebgħin sena ilu, Dun Alwiġ Psaila ħa l-pussess bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa San Sebastjan f'Ħal Qormi. B'hekk ġie attwat id-digriet tal-25 ta' Ottubru ta' Mons. Mauro Caruana, Arċisqof, f'liema digriet l-arċisqof kien ħabbar it-twaqqif tat-tieni parroċċa ġewwa Ħal Qormi. Kien il-5 ta' Jannar 1936, il-vġili tal-Epifanija, meta Dun Alwiġ Psaila ħa l-pussess biex il-parroċċa bdiet tiffunzjona. Kien għalhekk li fil-5 ta' Jannar 2011 fil-knisja parrokkjali ġiet iċċelebrata quddiesa solenni li fiha fakkarna s-sitt kappillani li kellha l-parroċċa tul dawn il-ħamsa u sebgħin sena.

Tajjeb għalhekk li nġibu xi tagħrif dwar dawn il-kappillani.

## Dun Alwiġ Psaila (1936-1957)

Dun Alwiġ twieled Ħal Tarxien fl-1892 minn familja li kienet tinkludi wkoll żewġ saċerdoti oħra, il-kanonċi Dun Alfred u Dun Ġwanni. Dan tal-aħħar kien ukoll l-aħħar Viċi Parroku tal-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan u ta' spiss kien jitlob l-għajnuna ta' ħuh Dun Alwiġ biex iqarar fil-knisja ż-żgħira. Mela Dun Alwiġ kien diġà midħla tal-inħawi ta' San Sebastjan qabel l-Isqof ħatru kappillan.

Dun Alwiġ mill-ewwel irrealizza li ċ-ċokon tal-Knisja ż-Żgħira kien problema għas-servizz pastorali fil-parroċċa fdata f'idejh. Għalhekk mill-ewwel beda jaħdem biex jibni knisja akbar. Nhar is-17 ta' Jannar tal-1939 ġie ffirmat kuntratt mal-gvern li, permezz tiegħu, il-parroċċa ngħatat medda art kbira fi Triq San Bartilmew għall-



*Il-Kappillan Psaila fuq il-lant tax-xogħol waqt il-bini tal-knisja*



*Dun Alwiġ Psaila*

bini ta' knisja ġdida. Il-pjanta oriġinali ġiet iddisinjata minn Arthur Zammit li dik il-ħabta kien għadu "draughtsman", għalhekk il-pjanta ffirmaha l-Perit Annetto Mifsud Ellul. It-tħammil tal-art inbeda nhar l-4 ta' Frar 1940, waqaf fis-snin tal-gwerra u tqiegħdet l-ewwel ġebla mill-Mons. Arċisqof Gonzi fis-27 ta' Jannar 1946. Il-parrinijiet ta' din iċ-ċerimonja kienu t-Tabib Frederick Maempel u l-Professur Ġużè Hyzler.



*L-ewwel statwa tal-Irxoxt fil-parroċċa, xogħol ta' Karmnu Galea*

Dun Alwiġ ħa ħsieb ukoll l-organizzazzjoni tal-festa titulari. L-ewwel festa ta' San Sebastjan ġiet iċċelebrata fis-26 ta' Jannar 1936 u mill-1937 bdiet tiġi ċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Lulju, iżda mingħajr vara ta' San Sebastjan. Il-vara ġiet kummissjonata lil George Borg wara konkors. L-iskultur ħadem l-istatwa fl-istudju tiegħu ġewwa Strada San Kristoforu fil-Belt, minn zokk tal-arżnu mixtri mit-Tarzna ta' Malta. L-istatwa lesta, imma għada għuda, twasslet Ħal Qormi fit-18 ta' Diċembru 1938. Fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija jingħad li l-kappillan żamm il-vara fid-dar tiegħu u kien fit-2 ta' Lulju 1944 li l-istatwa, issa indurata minn Toussaint Busuttil taż-Żejtun, twasslet Ħal Qormi. Hi nħarġet għall-ewwel darba fil-purċissjoni tal-festa fid-9 ta' Ġunju. Għall-okkażjoni nxtara pedestall li qabel kien jintuża għall-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar u li hu xogħol Mariano Gerada.

Fi żmien Dun Alwiġ kienu saru wkoll żewġ statwi proċessjonali oħra: tad-Duluri u tal-Irxoxt. L-istatwa tad-Duluri, xogħol tal-kartapesta minn Wistin Camilleri li saret fl-1937, turi lill-Madonna wieqfa. Illum hi miżmuma fil-kripta. Dari kienet toħroġ fil-festa liturġika nhar il-15 ta' Settembru. Statwa importanti oħra hi dik tal-Irxoxt li bdiet toħroġ fl-1938. Saret mill-kartapesta minn Karmnu Galea, *Il-Qamru*, fuq disinn ta' George Borg, u kienet turi lil Ġesu mqajjem ħiereġ mill-qabar b'żewġ suldati mwerwrin, wieħed kull naħa.

Sadattant fil-parroċċa kienu twaqqfu l-ewwel żewġ fratellanzi: tas-Sagrament (1936) u tad-Duluri (1937). B'hekk dawn kienu l-ewwel żewġ għaqdiet li twaqqfu fil-parroċċa l-ġdida.

Fl-ewwel sena tal-parroċċa Dun Alwiġ beda jamministra s-sagramenti b'mod regolari. Biżżejjed ngħidu li fl-1936 saru 208 magħmudija. Fil-biċċa l-kbira kien ikun il-kappillan li jamministra l-magħmudija lit-trabi ġodda għad li ġieli kien ikun hemm xi saċerdoti oħra delegati. Minn dawn naturalment kien ikun hemm numru ta' trabi li jmutu fi ftit sigħat jew ġranet jew xhur. Minnhom irnexxielna nsibu mat-30 persuna li għadhom ħajjin u għalhekk għalqu 75 sena mal-parroċċa. L-ewwel magħmudija saret fl-istess jum tal-pussess tal-kappillan, jiġifieri fil-5 ta' Jannar. Kien Antonio Galea li twieled fl-1 ta' Jannar 1936 lil

Carmela mwielda Saliba u mart Salvu Galea. L-ewwel żwieġ seħħ bejn Carmelo Galea u Adriana Mizzi nhar il-21 ta' Jannar 1936, waqt li l-ewwel funeral kien ta' Carmelo Mifsud ta' 84 sena li kien joqgħod f'149 Triq San Sebastjan. Il-festa tal-Ewwel Tqarbina saret f'Mejju 1936 li kienet abbinata mal-festa ta' San Alwiġi Conzaga, waqt li l-istess tfal sena wara għamlu l-Griżma tal-Isqof amministrata mill-Isqof t'Għawdex Mons. Mikiel Gonzi.

Però, Dun Alwiġ Psaila fil-bidu kellu problema oħra kbira bl-influss ta' aktar minn 8600 refuġjat mill-Kottonera fis-snin tal-gwerra. Dan kien ifisser aktar ħidma pastorali. Sabiex jgħinuh ma kellux saċerdoti residenti imma kellu numru ta' saċerdoti, fil-biċċa l-kbira minn Ħaż-Żebbuġ, li kienu jservu regolari fil-parroċċa tagħna. L-ewwel saċerdot residenti fil-parroċċa kien Dun Gejt Cassar li laħaq saċerdot fl-1940. Kellhom jgħaddu tmienja u għoxrin sena sakemm reġa' kellna saċerdot ieħor mill-parroċċa fil-persuna ta' Dun Ġino Mangion, li kien l-ewwel persuna mgħammda fil-parroċċa San Sebastjan li sar qassis, għalkemm fl-1968 kien ħa l-Ordni Sagri Patri George Aquilina. Sadanittant fl-1952, Dun Ġwann Bugeja, saċerdot ġdid mill-Isla ntbagħat Ħal Qormi fejn għadu sal-lum jagħti servizzi pastorali.

Nhar l-20 ta' Lulju 1952 kien jum ieħor importanti fil-parrokat ta' Dun Alwiġ meta l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi fetaħ u bierek il-kripta. L-ewwel quddiesa iżda kienet saret fil-15 ta' Frar 1948 f'dik l-parti fejn illum hemm is-Sala Cauchi u hekk baqgħet issir il-quddies b'mod regolari sat-tberik tal-kripta.



*L-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi jiftaħ u jbierek il-Kripta nhar l-20 ta' Lulju 1952*

F'dik li hi ħidma pastorali, Dun Alwiġ sab diġà fil-parroċċa l-oqsma tal-MUSEUM, maskili u femminili, li kienu ilhom jeżistu fil-limiti parokkjali mill-1913 u l-1914 rispettivament. Magħhom issa żdiedu għaqdiet reliġjużi oħrajn, inklużi l-fergħat tal-Azzjoni Kattolika, ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, il-Leġjun ta' Marija, il-*Lampade Viventi* u għand is-sorijiet Agostinjani, il-*Figlie di Maria* għax-xebbiet u l-*Crusaders* għat-tfal. Dawn l-aħħar żewġ għaqdiet kienu jattendu fihom xebbiet u tfal miż-żewġ parroċċi. Fl-1956, kien hemm il-bidu ta' Kor Parrokkjali li kien magħmul l-aktar minn xebbiet fi ħdan iċ-*Ċirkolu Regina Virginum* tal-Azzjoni Kattolika.

Tul il-parrokat tiegħu, Dun Alwiġ ħabbat wiċċu ma' problemi oħra li nimmaġina jien li fnewh. Qed nirreferi għall-kwistjoni li nqalgħet dwar l-armar tal-festa li l-Qorti ddeċidiet li jappartjeni lill-parroċċa ta' San Ġorġ minkejja li saru mir-residenti ta' Triq San Bartilmew, Triq il-Vitorja u Triq San Sebastjan, li issa saru parruċċani ta' San Sebastjan. Minkejja li din kienet sentenza tal-Qorti, bosta nies ħaduha kontra l-Kappillan li bdew iqisuh mhux sod wisq fl-argumenti tiegħu. Kwistjoni oħra kienet dwar il-limiti tal-parroċċi

f'Ħal Qormi li nqalgħet mal-ftuħ ta' Triq Anici, liema kwistjoni anki spiċċat quddiem il-Vatikan, li qaleb deċiżjoni meħuda mill-Arċisqof Gonzi u qiegħed Triq Anici kollha mal-parroċċa ta' San Ġorġ. L-aħħar problema kienet il-kwistjoni tal-Patrijiet, fejn għadd ta' persuni, fil-biċċa l-kbira minnhom membri tal-każin, talbu li l-parroċċa tingħata f'idejn l-Ordni Dumnikana. Dil-kwistjoni twalet u ħraxet tant li, għal disa' snin sħaħ, is-Soċjetà Filarmonika Pinto ma ħaditx sehem fil-festa ta' San Sebastjan. Dawn kienu kwistjonijiet li ċertament lil Dun Alwiġ inkwetawh bil-kbir, għax kienu jolqtu relazzjonijiet umani. Kien f'dan l-ambjent ta' inkwiet li l-festa ma saritx fl-1956 u l-1957.

Dun Alwiġ Psaila temm il-parrokat tiegħu meta nħatar Monsinjur tal-Katidral fil-31 ta' Ottubru 1957. Huwa miet ta' 78 sena fit-12 ta' Jannar 1971.

## Dun Ġuzepp Cauchi (1957-1969)

Dun Ġużepp twieled il-Belt Valletta fit-23 ta' Frar 1908 minn familja li kienet tinkludi li ħuh Dun Salv u oħtu Suor Lidwina, li għadha sal-lum membru tal-Ordni Agostinjana.

F'żgħożitu ngħaqad mal-Patrijiet Franġiskani Minuri (ta' Ġieżu) fejn studja sew fil-Palestina kif ukoll f'Ruma. F'daż-żmien ippubblika bl-Ingliż, bil-Malti u bit-Taljan f'għadd ta' rivisti. Ħadem ukoll fost il-Maltin f'Lixandra tal-Eġittu. Ġie lura Malta ftit żmien qabel it-Tieni Gwera Dinjija u qaleb għal Saċerdot Djoċesan. L-Arċisqof bagħtu bħala Viċi Parroku fil-Parroċċa San Sebastjan fejn qeda dan id-dmir mill-1938 sal-1956.

Mela meta nħatar bħala t-tieni kappillan lill-parroċċa ta' San Sebastjan kien jafha sew, fejn għamel żmien ukoll bħala direttur spiritwali tal-każin tal-banda, li jingħad li kien jifrekwenta spiss. Jekk l-Arċisqof Gonzi ħaseb li b'Dun Ġużepp seta' jsolvi l-problemi li nqalgħu fi tmiem il-parrokat ta' Dun Alwiġ, ċertament li l-ħsieb tal-Arċisqof ma rnexxiex, anzi s-sitwazzjoni ħraxet aktar. L-oppożizzjoni ħarġet fil-beraħ b'mod qawwi nhar il-pussess ta' Dun Ġużepp. Inqalgħu inċidenti hekk kif il-korteo, li kien jinkludi banda mit-tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp, wasal fejn il-knisja ż-żgħira. Dun Ġużepp Cauchi, iżda, il-festa reġa' beda jagħmilha minkejja li l-Banda Pinto baqgħet ma tiħux sehem. Fl-1961 intlaħaq l-ewwel ftehim meta l-Arċisqof Gonzi bagħat żewġ Patrijiet Kapuċċini sabiex jagħtu servizz pastorali mill-knisja ż-żgħira. Għall-okkażjoni l-Arċisqof Gonzi ntlaqa' b'dimostrazzjoni kbira tul Triq San Sebastjan u anki ġewwa l-Każin Pinto. Il-patrijiet baqgħu jagħtu das-servizz għal madwar seba' snin. Fl-1965 il-problema ġiet solvuta għal kollox u l-Banda Pinto reġgħet bdiet tagħti sehem sħiħ fil-festa.


*Dun Ġużepp Cauchi*

Żmien il-parrokat ta' Dun Ġużepp Cauchi

kien ukoll żmien il-Konċilju Vatikan II bir-riformi kbar li ġab miegħu. Dun Ġużepp beda mill-ewwel jattwa dawn ir-riformi billi għamel l-artal mejda fil-kripta u beda jintuża l-vernakular fiċ-ċerimonji liturġiċi kollha. Dun Ġużepp ħaseb sabiex il-kripta jforniha b'dak l-armar u l-aċċessorji liturġiċi kollha li kien hemm bżonn. Twaqqaf uffiċjalment il-Kor Laudate Dominum dirett minn Dun Ġwann Bugeja li bil-kant tiegħu beda janima l-quddies u ċerimonji oħra b'mod regolari.



*Pussess tal-Kappillan Cauchi*



*Il-Kappillan Cauchi jmexxi purċissjoni ta' Ħadd il-Palm*



*Grupp ta' abbatini fi żmien il-Kappillan Cauchi*

Dun Ġużepp Cauchi ta wkoll importanza lill-festi parrokkjali, ibda mill-festa titulari li mill-ewwel beda jiċċelebra minkejja l-problema li kellu mal-każin tal-banda. Sabiex iċ-ċerimonji jsiru b'aktar kumdità beda juża l-kripta għat-tridijiet u ċerimonji oħra tal-festa għad li l-istatwa titulari u statwi oħra baqgħu joħorġu mill-knisja ż-żgħira. Fl-1961 ordna relikwarju ta' San Sebastjan li nħadem Milan. Ħa ħsieb ukoll li ssir statwa għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju fl-1967.

Sa mill-1962 beda jkun mgħejjun minn Dun Vincenz Deguara bħala Viċi, waqt li diġà kellu lil Dun Gejt Cassar residenti f'Ħal Qormi sa mill-ordinazzjoni tiegħu fl-1940 u lil Dun Ġwann Bugeja li kif rajna ġie Ħal Qormi fl-1952. Kien hemm ukoll Dun Alfred Zahra li, għad li ma kienx residenti Ħal Qormi, kien jagħti servizz pastorali fil-parroċċa tagħna b'mod regolari sa mill-1950. Barra minn hekk, Dun Manwel Mallia, residenti fil-parroċċa ta' San Ġorġ, kien iqaddes u jagħti servizz pastorali regolari fil-parroċċa San Sebastjan. Fl-1966 ingħaqad mal-presbiterju ta' San Sebastjan Dun Ġorġ Fenech, li qaddes ta' 64 sena, u li kien inġinier, matematiku u astronomu. Imbagħad fil-31 ta' Marzu 1968 irċieva l-Ordni Sagri Dun Gino Mangion. Din l-ordinazzjoni ta' dan l-ewwel wild tal-parroċċa intlaqgħet b'ferħ kbir mill-parroċċa kollha.

Naturalment il-Kappillan Cauchi ta importanza kbira lit-tkomplija tal-bini tal-knisja. Għalhekk, f'Marzu 1958, ftit xhur wara l-ħatra tiegħu bħala kappillan, reġa' beda x-xogħol li kien ilu wieqaf għal sentejn sħaħ. Fi żmien il-Kappillan Cauchi tlestiet il-faċċata, issaqqfet il-korsija u tlestew is-sagristija, il-kappella tas-sagrament u l-kappelluni, kif ukoll tlestew il-pilastri ċentrali li fuqhom kellha tinbena l-koppla aktar tard.

Fl-1962 kellu jħabbat wiċċu ma' problema mhux mistennija meta talab għal estensjoni tal-art għall-bini taz-zuntier u nstab li l-kuntratt tal-1939 ma ġiex insinwat. Kien bl-intervent tat-Tabib George Hyzler li fis-7 ta' Marzu 1966 sar kuntratt quddiem in-Nutar tal-Gvern, Dr Anthony Attard, li permezz tiegħu l-art ingħatat lill-knisja b'ċens ta' lira fis-sena.

Il-Kappillan Cauchi miet ħesrem nhar id-9 ta' Marzu 1969, fl-għomor ta' 61 sena. Kien l-uniku kappillan ta' San Sebastjan li miet meta kien għadu kappillian. Bħalma kien jixraq, il-parroċċa għamlitlu funeral kbir bis-sehem tal-kleru, tal-abbatini, tal-fratellanzi u tal-Banda Pinto.

## Dun Vinċens Deguara (1969-1988)



*Mons. Vincens Deguara meta kien Kappillan*

It-tielet kappillan hu Dun Vinċens Deguara, imwieled f'Raħal Ġdid fl-10 ta' April 1932, iżda mrobbi f'Birżebbuġa. Il-vokazzjoni saċerdotali ġietu pjuttost kbir fl-età, tant li beda l-istudju għal saċerdot fl-1953 ta' 21 sena. Sadanittant kien daħal *fitter* fit-Tarzna ta' Malta fl-1947 fejn ħadem għal sitt snin sħaħ. Kien ordnat saċerdot fis-7 ta' April 1962 u erba' xhur wara Mons. Gonzi bagħtu jaqdi d-dmirijiet ta' Viċi Parroku fil-Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi. Mal-mewt ħesrem tal-Kappillan Cauchi, l-Arċisqof ħatru Kappillan u ngħata l-pussess fis-27 t'April 1969. Did-darba l-għażla kienet popolari ħafna mal-parruċċani.

Il-kappillan Deguara hu sinonimu mat-tlestija tal-knisja parrokkjali bil-problemi kollha konnessi magħha, bl-ewwel problema tkun it-tisħiħ tal-kripta minħabba xquq li bdew jidhru fil-kolonni u l-ħitan tal-kripta. Din fil-fatt kellha tingħalaq għal sentejn sħaħ sakemm sar xogħol ta' tisħiħ fil-kripta qabel jitkompla l-bini tal-knisja. F'dan il-perjodu, minn Diċembru 1970 sa Ġunju 1972, is-servizzi liturġiċi bdew isiru fis-sala tal-iskola primarja waqt li ż-żwiġijiet kienu jsiru fil-Knisja ż-Żgħira.

F'Mejju 1973 reġa' beda x-xogħol tal-bini tal-knisja u għall-okkażjoni l-Kappillan Deguara għamel purċissjoni bi statwa tal-Kunċizzjoni u quddiesa fil-knisja. Ix-xogħol fil-knisja tkompla b'ritmu regolari sal-1980. F'dan il-perjodu tneħħiet il-gallerija li kienet iddawwar il-knisja, sar ħafna xogħol ta' invjar u fili, tlestew in-navata, il-kor u l-pilastri. Kien jonqos il-koppla li daħal għaliha l-Perit Italo Raniolo li kien jispjeċjalizza fuq xogħol

tal-konkrit. Il-Perit Raniolo għamel xi modifiki għall-koppla sabiex tkun l-eħfef li tista' tkun u sar tisħiħ tal-pilastri. Kien il-Ħadd 19 ta' Ottubru 1980 meta Mons. Gonzi, Arċisqof Emeritus, bierek is-salib ta' fuq il-koppla, liema barka mbagħad twasslet personalment mill-Kappillan Deguara li tela' fuq l-iskaffolding flimkien ma' mijiet ta' parruċċani. Wasal fejn is-salib, bierku, u minn hemm fuq bierek il-parroċċa kollha.



*L-aħħar fażi fil-bini tal-Knisja l-Ġdida: il-bini tal-koppla.*



*Mument emozzjonali li jġuri lill-Monsinjur Vinċens Deguara, dak iż-żmien Kappillan, maġenb is-salib nhar it-tberik tal-koppla mill-Arċisqof Emeritus Mikiel Gonzi fl-1980.*

Imbagħad, sena u nofs wara, l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca fetaħ u bierek il-knisja parrokkjali nhar id-29 ta' Mejju tal-1982 lejlet il-Pentekoste u, ftit anqas minn erba' snin wara, l-istess Arċisqof Mercieca kkonsagra l-knisja fid-19 ta' Jannar 1986.

Waqt li dawn id-dati marbuta mat-tkomplija, ftuħ, tberik u konsagrazzjoni tal-knisja huma importanti ħafna, il-parrokat tal-Kappillan Deguara inkluda wkoll bosta ħidmiet pastorali. Lill-Kappillan Deguara nsibuh jispikka fl-oqsma tal-pastorali tal-kelma, kemm dik minn fuq il-pulptu kif ukoll fil-kuntatti personali li kien ikollu regolarment mal-parruċċani. Fil-parrokat tiegħu tispikka wkoll l-importanza li ta lis-sagramenti tal-ewkaristija u tar-rikonċiljazzjoni.

Il-Kappillan Deguara waqqaf l-ewwel Kunsill Pastorali Parrokkjali, diversi bordijiet u kummissjonijiet u beda joħroġ il-fuljett parrokkjali bl-isem *Sliem u Ħajja*. L-akkwist ta' Dar Parrokkjali biex isservi bħala residenza għall-kappillan kien importanti ħafna, għax ta' min jgħid li l-Kappillani sa minn dejjem kienu joqogħdu f'residenza privata tagħhom jew bil-kera.

Importanti kienu l-ftuħ taċ-ċentri tal-katekiżmu fil-kripta li saru fis-snin sebgħin, kif ukoll il-ħidma fost iż-żgħażagħ minn diversi saċerdoti, fosthom Dun Joe Camilleri, Dun Ġorġ Dalli u Dun Joe Meli. Il-periferiji tal-parroċċa ngħataw attenzjoni bit-twaqqif ta' żewġ żoni – tad-Duluri u tas-Sokkors. Inizjattiva oħra kienet il-librerija parrokkjali li ssemmiet għal Dun Ġino Mangion.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festi ngħataw ukoll importanza u mhux biss dik tat-titular. Sabiex dawn jitgawdew minn firxa aktar wiesgħa ta' nies (Bastjaniżi) sar tqassim tar-rotot differenti. B'hekk kull purċissjoni saritilha rotta differenti. Fl-1981 saret vara ġdida tal-Irxoxt, xogħol ta' Ġlormu Dingli, waqt li l-vara titulari ġiet indurata mill-ġdid fl-1986. Statwa oħra, did-darba tar-Redentur, saret fl-1985 fejn sar tentattiv sabiex din tiddaħħal fil-knisja. Permess ma kienx hemm u sussegwentement din l-istatwa, li hi xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi, tbierket fl-1986 u tqiegħdet f'niċċa fil-Knisja ż-Żgħira.

Waqt il-parrokat tal-Kappillan Deguara saru diversi xogħlijiet artistiċi fil-knisja parrokkjali. Dawn jinkludu tabernaklu (1983), Via Sagra (1986), Artal Maġġur (1987), Ambone (1987), Kurċifiss u prospettiva tiegħu (1988), *sacrarium* (1988), li saru kollha fuq disinni ta' Ġanni Bonnici

Nhar il-21 ta' Lulju 1988, Dun Vinċenz Deguara nħatar Direttur Spiritwali għas-Seminarju Maġġuri fejn beda dan ix-xogħol ġdid tiegħu fil-11 ta' Settembru. Għalkemm fl-2003 nħatar Monsinjur tal-Katidral, bl-impenji li din il-ħatra ġabet magħha, għadu jaqdi d-dmirijiet tiegħu fis-Seminarju. Baqa' jgħix Ħal Qormi fejn għadu jagħti s-servizz reliġjuż tiegħu fil-parroċċa fil-Ħdud u fil-vaganzi tas-Seminarju Maġġuri.

## Dun Charles Cordina (1988-1995)

Dun Charles Cordina twieled Raħal Ġdid nhar it-8 ta' Ġunju 1949 u, wara li ta servizz fil-Parroċċa San Sebastjan fil-perjodu tad-djakonat tiegħu, qaddes fl-20 ta' Lulju 1974. Meta ġie nominat Kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan, kien qed jaqdi d-dmirijiet ta' Kappillan tal-Parroċċa San Piju X ta' Santa Luċija. Hu ngħata pussess formali tal-parroċċa Qormija nhar il-Ħadd, 16 ta' Ottubru 1988.


*Mons. Charles Cordina*

Il-Kappillan Cordina, kif qal hu stess fil-quddiesa tal-pussess, ġie fil-parroċċa tagħna meta l-knisja kienet lesta. Seta' għalhekk jikkonċentra fuq il-ħidma pastorali, b'mod partikolari dik tal-evanġelizzazzjoni u tad-djakonija. Infatti lill-Kappillan Cordina niftakruh ħafna mhux biss għall-omeliji tiegħu imma wkoll għall-ħidma tiegħu fil-konfessjonarju u mal-morda. Naturalment hu kompla fuq dak li sab u saħħaħ il-ħidma tal-parroċċa fl-oqsma tal-katekeżi fost l-adulti u ż-żgħażagħ.

F'dawk li huma opri ġodda nsemmu t-tkomplija tal-friż li tlestiet fl-1992. Saru antiporti ġodda fl-1991, battisteru tal-irħam fl-1990, kappella moderna fiż-Żona tas-Sokkors (1989). Nhar il-pussess tiegħu l-Kappillan Cordina nieda proġett tal-qniepen billi l-flus li hu rċieva poġġiehom ġo fond għall-qniepen. Imbagħad lejn tmiem il-parrokat tiegħu, fl-1994, sar pedestall ġdid għall-vara titulari, xogħol tar-Rabti Frans Galea.

Kien fi żmien il-kappillan Cordina li l-purċissjoni tal-Irxoxt bdiet issir filgħodu mill-1994, kif ukoll il-każin tal-banda beda jagħmel serata mużiko-letterarja fil-kripta tal-knisja nhar Ħadd il-Palm, u l-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi bdiet ittella' l-wirja taċ-Ċenaklu fl-1995, fis-Sala Psaila taħt iz-zuntier. Kien ukoll il-Kappillan Cordina li reġa' qajjem fuq saqajhom iż-żewġ fratellanzi tas-SS. Sagrament u tal-Madonna tad-Duluri u żdiedet il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju.



*Il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju li żdiedet fi żmien il-Kappillan Cordina.*

Mill-1989 beda jingħata servizz tat-tqarbin fil-knisja u fid-djar mill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Sar ukoll it-tisħiħ tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali bi statut ġdid u ssaħħu diversi kummissjonijiet fosthom il-Kummissjoni Familja.

F'Ottubru tal-1995 Dun Charles Cordina spiċċa minn kappillan meta ngħata l-ħatra ta' Delegat tal-Arċisqof fis-Segretarjat għall-Kleru u għall-Ordnijiet Reliġjużi. Dun Charles, li baqa' joqgħod fir-residenza privata tiegħu f'Ħal Qormi, għadu fil-fatt jagħti s-servizz tiegħu fil-Kurja Arċiveskovili bħala Segretarju Pastorali u ftit snin ilu nħatar Monsinjur.

## Dun Walter Cauchi (1996-2008)

Dun Walter Cauchi twieled Birkirkara nhar it-3 ta' Frar 1951 u kien ordnat saċerdot nhar id-19 ta' Ġunju 1977. Qabel kien nominat Kappillan fil-parroċċa tagħna, hu kien Viċi Parroku fil-Għargħur u f'Bormla minn fejn inħatar Kappillan tal-Gżira fl-1981 u ta' Ħal Tarxien fl-1987. Kien nominat Kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan f'Novembru tal-1995 u ngħata l-pussess formali fl-14 ta' Jannar 1996.



*Dun Walter Cauchi*

Il-Kappillan Cauchi wettaq il-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa tagħna b'attenzjoni speċjali għal-liturġija tas-sagramenti u ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ. Il-konfessjonarju kien forsi wieħed mill-aktar postijiet li faċli ssibu billi kien iqatta' ħin twil iqarar u jagħti l-pariri.

Però, il-Kappillan Cauchi kien persuna li tista' tgħid li dak li jaraw għajnejh jagħmlu jdejh. Dan rajnieh l-aktar fil-ħidma sħiħa u kontinwa tiegħu fiċ-Ċentru Pastorali San Sebastjan li hu nieda bħala l-Proġett tal-Millennju għall-

parroċċa tagħna. Nistgħu ngħidu li dan hu l-monument li ħallielna l-Kappillan Cauchi.



*Is-sett tal-qniepen fuq iż-żuntier fl-1998*

Il-ħidma tiegħu kienet tinkludi wkoll diversi attivitajiet oħra. Fosthom insemmu l-*Pageant* li jsir kull sena fuq iż-żuntier tal-knisja fil-Ġimgħa Mqaddsa u *pageant* ieħor dwar San Sebastjan fil-ġranet ta' qabel il-festa titulari. Fost il-ħidma tiegħu fost iż-żgħażagħ insemmu l-grupp ROOTS fis-sena 2000 u l-PLYG li twaqqaf immedjatament wara. Dawn bdew jorganizzaw diversi attivitajiet fosthom il-Bread Festival li jsir kull Settembru.



*Iċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali*

Waqt li l-proġett l-aktar għal qalb il-Kappillan Cauchi hu bla dubju ta' xejn iċ-Ċentru Pastorali, li fih investa ħafna u ħafna enerġija, fi żmienu sar ukoll il-proġett tal-qniepen u l-arloġġ, b'ħidma minn Dun Joe Borg. Ta' min jgħid li, f'dan il-proġett, il-parroċċa fetħet qalbha b'entużjażmu tant li l-qniepen inġabru kollha minn fost il-parruċċani f'qasir żmien fl-1998. Tlesta wkoll iż-żuntier u sar it-tikħil minn barra tal-knisja parrokkjali. Ma' dawn irridu nżidu li kien il-Kappillan Cauchi li solva l-problema li kienet inqalgħet bil-pedestall ta' Galea. Waqqaf għal dan il-għan kumitat sakemm sar pedestall ġdid minn Renzo Gauci u li żżanżan fil-festa tal-2004. Saru wkoll sett brazzi fl-2006 u sar Salib tal-Kleru fl-2006.

F'Settembru 2008 Dun Walter Cauchi nħatar Kappillan ta' Wied il-Għajn.

## Dun Joseph Buhagiar (2008- )



*Kappillan Dun Joe Buhagiar*

Dun Joseph Buhagiar twieled il-Mosta nhar id-29 ta' Settembru 1964 u kien ordnat saċerdot nhar it-8 ta' Lulju 1994. Beda l-ħidma pastorali tiegħu fis-saċerdozju bħala Assistent Direttur tal-Moviment ta' Kana. Sentejn wara l-Arċisqof bagħtu bħala Viċi Parroku r-Rabat fejn ingħata r-responsabbiltà għaż-Żona tal-Imtarfa. Kien għadu Rettur tal-Imtarfa meta din saret Żona Pastorali Awtonoma fl-2000 u erba' snin wara sar l-ewwel kappillan tal-Imtarfa meta

din saret parroċċa. Hu nħatar Kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan f'Settembru tal-2008 u ngħata l-pussess tal-parroċċa nhar l-14 ta' Diċembru 2008.

Naturalment il-Kappillan Buhagiar kompla fuq il-ħidma tal-kappillani ta' qablu. Insibuh attiv pastoralment b'mod partikolari fil-quddies, fil-qrar, fil-pariri u fit-tqarbin tal-morda. Qed jagħmel ħidma wkoll fost id-diversi kummissjonijiet u għaqdiet sabiex jissaħħu u jtejbu s-servizz li jagħtu lill-parroċċa.

Il-Kappillan Buhagiar qed jieħu ħsieb li l-75 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa jiġi mfakkar bl-aktar mod xieraq u sabiħ. Diġà saru diversi attivitajiet li huma mifruxa fuq sena sħiħa. Jilħqu l-qofol tagħhom bil-miġja tar-relikwija ta' San Sebastjan mill-Vatikan għall-festa titulari. Iżda ħidma importanti li se tibqa' bħala t-tifkira ta' dan l-anniversarju, kif ukoll tal-Kappillan Buhagiar, hi l-ftuħ mill-ġdid tal-Knisja ż-Żgħira bħala knisja tal-adorazzjoni ewkaristika. Din il-ġawhra li hi tant għal qalb il-parruċċani sarilha restawr estensiv (għad li baqa' xi jsir) u nfetħet mill-ġdid f'Ġunju li għadda.



*Il-Knisja ż-Żgħira terġa' tinfetaħ għall-adorazzjoni ewkaristika*

Referenza ewlenija għal din il-kitba hu l-ktieb ta' Dun Ġwann Bugeja u Dr Joseph F. Grima *"Minn Grajjet il-Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi"*, pubblikat fl-2007 mill-Parroċċa San Sebastjan; kif ukoll intervisti li l-awtur kien għamel lill-kappillani u nies oħra waqt il-programm tiegħu *tal-Qalba, ta' Pinto, ta' San Bastjan*, li jixxandar regolarment fuq Radju Bastjaniżi FM. Ħajr ukoll lil Dr Joseph F. Grima tat-tagħrif bijografiku li għaddieli dwar il-kappillani.


PIETRA JEWELLERY

*Roderick Mallia*

*26, Correa Str. Qormi (Corner with Grech's Bathroom Centre)*

*Tel: 2144 8940*

*For local & Foreign 18kt. Gold, Silver Jewellery & Silver Gifts, Repairs & Engravings Accepted • Wednesday evening closed*